# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 2 ta' Marzu 2018**

**Numru 2**

**Rikors kostituzzjonali numru 21/2015 AF**

**Alfred Camilleri**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali**

1. Din is-sentenza hija dwar eċċezzjoni ta' rikuża mressqa dwar tnejn mill-imħallfin ta' din il-qorti. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Waqt proċeduri kontra l-attur fil-Qorti Kriminali tqanqlet kwistjoni dwar jekk inkisrux drittijiet fondamentali tiegħu. Saret referenza mill-Qorti Kriminali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili taħt l-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 4.(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319], u l-Prim'Awla b'sentenza tas-16 ta' Jannar 2012 sabet li kien hemm ksur ta' dawk id-drittijiet u tat ir-rimedji li dehrulha xierqa. Sar appell mill-Avukat Ġenerali iżda dak l-appell ġie miċħud minn din il-qorti b'sentenza tat-12 ta' Novembru 2012.

3. L-Avukat Ġenerali talab ritrattazzjoni tal-appell u t-talba tiegħu għat-tħassir tas-sentenza tat-12 ta' Novembru 2012 intlaqgħet b'sentenza ta' din il-qorti tal-1 ta' Lulju 2013. Wara li l-appell tal-Avukat Ġenerali mis-sentenza tas-16

ta' Jannar 2012 instema' mill-ġdid, l-appell intlaqa': is-sentenza tal-Prim'Awla tas-16 ta' Jannar 2012 tħassret u l-qorti iddikjarat illi ma kien seħħ ebda ksur tad-drittijiet tal-attur.

4. L-attur issa f'dawn il-proċeduri tallum qiegħed igħid illi bis-sentenzi ta' din il-qorti tal-1 ta' Lulju 2013 u tal-31 ta' Jannar 2014 inkisru drittijiet fondamentali tiegħu għal bosta raġunijiet. Billi tnejn mill-imħallfin membri ta' din il-qorti llum – l-Imħallef Giannino Caruana Demajo u l-Imħallef Noel Cuschieri – kienu wkoll membri ta' din il-qorti meta tat is-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2013 u tal-31 ta' Jannar 2014, l-attur ressaq l-eċċezzjoni ta' rikuża ta' dawk l-imħallfin.

5. Il-qorti tosserva illi f'din il-kawża hija msejħa biex tgħid jekk bis-sentenzi tal-1 ta' Lulju 2013 u tal-31 ta' Jannar 2014 inkisrux drittijiet tal-attur. B'hekk tkun qiegħda tgħaddi ġudizzju fuq l-operat tagħha stess meta kienu membri tagħha tnejn mill-imħallfin li huma membri tal-qorti llum ukoll.

6. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ir-rikuża hija ġustifikata.

7. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-eċċezzjoni ta' rikuża tal-Imħallef Giannino Caruana Demajo u tal-Imħallef Noel Cuschieri.

8. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jkunu regolati fis-sentenza finali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Dep. Reġistratur
rm